Minuti tal-Laqgħa Nru. 31 tal-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal-Farruġ fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 3 t' April 2013 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | il-Membri |
| Ic-Chairperson | Is-Sur. Raymond Saliba |
| Il-Membri | Is-Sur. Raymond Ellul<br>Is-Sur. Kerstin Gatt |
| Assenti | Is-Sur. Gejtu Calleja<br>Is-Sur. Martin Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |

## AĠENDA

- Qari tal-minuti tal-laqgħa ta qabel
- Punti mqajjma mill-minuti
- Korrispondenza
- Xogħolijiet
- Egħluq il-laqgħa

## 1. QARI TAL-MINUTI

1.0 Il-minuti inqraw u ġew ikkonfermati.

## 2. PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kien hemm l-ebda punti imqajjma mill-minuti

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku li kien prezenti waqt il-laqgħa ħeġġeġ il-membri tal-Kumitat biex iħejju lista ta proposti sabiex huma jagħmlu follow up fuqhom.

3.2 Is-Sindku ippropona biex il-Kumitat ikompli jappella biex titneħħa dik il-liwja perikoluza li hemm fil-bidu ta Triq Wied in-Noqor.

3.3 Is-Sindku appella wkoll lill-Kumitat Amministrattiv biex jagħmel pressjoni sabiex fi Triq Ħal Farruġ ikun hemm id-dawl.

3.4 Is-Sindku informa li fuq il-pavimentar li hemm fil-parti ta fuq tal-Housing Estate il-ġdid hemm problema fejn qed jidħol l-ilma tal-garaxxijiet. Huwa qal li kien mela parti miċ-ċint ta fuq bil-konkos biex tinstab soluzzjoni. Huwa qal li biex tissolva l-problema l-Housing Authority tkun trid taqla l-pavimentar minn fuq u jerġa jsir ġdid.

3.5 Is-Sur. Gatt issuġġerrixxa sabiex isir xi ħaġa kulturali għall Ħal Farruġ. Is-Sindku ssuġġerrixxa biex din l-attivita issir fl-okkażżjoni tal-festa tal-Vitorja. Huwa ħeġġeġ lill-membri sabiex jibdew jaħdmu minn issa.

3.6 Is-Sur. Ellul informa li tal-Iscammel ma kienx qed iżomm l-ħin tiegħu rigward il-ġbir tal-iskart. Is-Sindku irrisponda li se ssir laqgħa flimkien miegħu rigward l-andament tax-xogħol.

3.7 Is-Sur. Ellul issuġġerrixxa biex jitwaħħlu pjanti u immaġini ta kif se jkun il-proġett tal-Family Park ġewwa Ħal Farruġ. Huwa qal ukoll li jistgħu jitwaħħlu pjanti fin-notice board ta maġenb il-Kappella.

3.8 Is-Sindku semma li waqt laqgħa li saret tal-Kunsill Lokali l-Kunsill approval ill-Onor. Silvio Schembri sabiex dan jingħata Ġieħ Ħal Luqa. Huwa semma li l-Onor. Schembri kien strumentali sabiex ġew akkwistati l-flus għal Family Park. Il-membri tal-Kumitat laqgħu ukoll din il-proposta li kien għamel il-Kunsill u l-Kumitat approva din il-proposta minn naħa tiegħu b' vot unanimu.

3.9 Is-Sur. Gatt saqsa jekk fl-okkażżjoni ta Jum Ħal Luqa jistax ikun inkorporat ukoll Ħal Farruġ billi darba minhom issir attivita hemhekk. Is-Sindku semma li tista tiġi

organiżżata attivita sportiva flimkien ma Ħal Farruġ u ssuġġerrixxa sabiex jingħaqad team tal-football u jsir tournament flimkien ma Ħal Luqa.

3.10 Is-Sur. Ellul saqsa x' jista jsir biex il-Kumitat Amministrattiv jingħata kamra fejn jiltaqa. Is-Sindku issuġġerrixxa biex niktbu s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsill fuq dan l-item.

3.11 Is-Sur. Saliba ssuġġerrixxa biex nerġgħu inkellmu lill-Malta Industrial Parks rigward il-ħajt tal-buffer zone li kellu jsir mal-Industrial Estate.

3.12 Is-Sur. Ellul saqsa x' se jkun qed issir rigward il-maintenance tal-landscaping li se jkun hemm fil-Family Park. Is-Sindku semma li fuq dan ir-rigward iridu jinħarġu t-tenders.

## 4. XOGĦOLIJIET

4.1 Is-Sur. Saliba semma li hemm bzonn li jinbidlu l-katusi u l-main tad-drenaġġ li hemm wara l-Housing biex isir wieħed ikbar peress li dan mhux ilaħħaq mal-ezigenzi tal-lum.

4.2 Is-Sindku issuġġerrixxa lill-Kumitat sabiex jgħaddi suġġerimenti fuq x' jista jsir dwar il-water culverts ta Triq Wied in-Noqor peress li kien hemm problema fis-soqfa tagħhom.

**Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar l-Erbgħa 3 t' April 2013 fis-7.00 p.m.**

.

Konfermati llum ______________________ 2013.

| | |
|---|---|
| Raymond Saliba<br>Chairperson | Michael Portelli<br>Segretarju Eżekuttiv |